# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 11**

**Rikors numru 428/13/1 JZM**

**Anvil Limited (C 2524)**

**v.**

**Ta' Giorni Limited (C-44235), Dhalia Investments Limited (C 1604) u Dr. Dorianne Vella LL.D u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti li b'digriet tas-27 ta' Mejju, 2013 ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Ahmet Ertugrul, u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2013 assuma l-atti Dunstan Williams u ġew estromessi l-kuraturi deputati**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mis-soċjetà attriċi Anvil Limited fis-6 ta' Mejju 2013, li permezz tiegħu ngħad is-segwenti:

"Illi fil-15 ta` Dicembru 2008 Anvil Limited tat zewg stimi bil-pied ghall-manifattura ta` xoghol ta` hadid bit-twahhil b`kollox lil Dhalia Group annessi u mmarkati Dok A u B;

Illi fis-17 ta` Dicembru 2008 giet iffirmata skrittura privata bejn minn naha l-wahda Christopher Grech in rapprezentanza ta` Dhalia Investments Limited, u min-naha l-ohra l-konvenut Ahmet Ertugrul, bhala direttur u in rappresentanza tal-esponenti Anvil Limited, fejn gie miftiehem li Anvil Limited kellha tesegwixxi x-xogholijiet fi progett fix-Xemxija kif deskritti fid-dokument anness u mmarkat Dok C;

Illi barra minn hekk permezz tal-istess skrittura privata, bi pregudizzju ghas-socjeta` esponenti, il-konvenut Ahmet Ertugrul awtorizza lill-konvenuta Dhalia Investments Limited li accettat sabiex tghaddi parti mill-prezz tax-xogholijiet f`idejn is-socjeta` Ta` Giorni Limited bhala depozitu u parti mill-prezz ta` xiri ta` appartament minn Ahmet Ertugrul;

Illi fil-fatt ghal dan il-ghan fl-ahhar mal-imsemmija skrittura privata gie ddikjarat li Ahmet Ertugrul kien qieghed jidher fil-vesti tieghu personali filwaqt li Christopher Grech in rappresentanza ta` Ta` Giorni Limited, kif debitament awtorizzat li accettaw il-kundizzjonijiet tal-istess skrittura privata;

Illi fl-istess gurnata gie ffirmat il-konvenju anness u mmarkat Dok D ghall-bejgh u xiri tal-appartament bin-numru 11, Triq Andre` Maurois kantuniera ma` Triq Albert Meyer, San Giljan, bil-flus tas-socjeta` esponenti;

Illi skont komunikazzjoni permezz ta` email annessa u mmarkata Dok E bejn Adrian Grech bhala accountant ta` Dhalia Investment Services Limited u tas-Socjeta` rikorrenti Anvil Limited, il-prezz tax-xoghlijiet li kienu saru minn Anvil Limited gew ikkalkulati ta` valur ta` €62,099.84;

Illi skont ircevuti annessi u mmarkati Dok F u G mahruga mis-socjeta` intimata Ta` Giorni Limited fl-20 ta` Frar 2009 u fil-11 ta` Ottubru 2010 hija rceviet is-somom ta` €15,118.30 u €27,500 rispettivament minghand is-socjeta` intimata Dhalia Investments Limited rappresentanti 1% tal-ispejjez ta` registrazzjoni tal-konvenju msemmi aktar `l fuq u l-kumplament depositu akkont tal-prezz fuq il-bejgh tal-appartament f`San Giljan;

Illi dawn il-flus huma flus ta` Anvil Limited u l-intimata socjeta` Dhalia Investments Limited ma kellha l-ebda dritt taghti dawn il-flus lis-socjeta` intimata Ta` Giorni Limited jekk mhux biex tikkrea pregudizzju ghar-rikorrenti;

Illi ghalhekk il-konvenju li gie ffirmat huwa karpit b`consilium fraudis u kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ighidu l-konvenuti jew min minnhom ghar-ragunijiet premessi `il ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :-

1) Tiddikjara li l-konvenju datat sbatax (17) ta` Dicembru 2008 huwa vizzjat bi frodi a detriment tar-rikorrenti u konsegwentement null u bla effett fil-ligi.

2) Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi konvenju huwa null u bla ebda effett legali u tordna r-rexissjoni, it-thassir u l-annullament tieghu.

3) Tinnomina, occorrendo Nutar sabiex jigi ppubblikat kuntratt ta` rexissjoni tal-imsemmi konvenju datat sbatax (17) ta` Dicembru 2008 fil-gurnata, hin u lok li joghgobha tiffissa din il-Qorti u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

4) Tiddikjara li l-flus li l-konvenuta socjeta` Dhalia Investments Limited ghaddiet lill-konvenuta socjeta` Ta` Giorni Limited huma flus tas-socjeta` rikorrenti Anvil Limited.

5) Konsegwentement tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom jghaddu s-somom ta` €15,118.30 u €27,500 lis-socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetajiet konvenuti Ta' Giorni Limited u Dhalia Investments Limited ippreżentata minnhom fid-9 ta' Awwissu, 2013, li permezz tagħha eċċepew:

"Illi preliminarjament l-azzjoni rikorrenti hija kolpita bil-preskrizzjoni ta` sentejn in kwantu hija azzjoni ta` rexissjoni ta` kuntratt a tenur tal-Artikoli 1222 u 1223 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenju tas-sbatax (17) ta` Dicembru 2008 ma huwa indizzjat bl-ebda provi a detriment tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement huwa validu ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi s-socjetajiet Ta` Giorni Limited (C-44235) u Dhalia Investments Limited (C-1604) adempixxew l-obbligi taghhom kollha a tenur tal-istess konvenju kif ukoll hallsu lis-socjeta` rikorrenti kwalsiasi addebitu versu s-socjeta` rikorrenti a tenur tal-istess konvenju kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

3. Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata minn Dunstan Williams bħala prokuratur għan-nom ta' Ahmet Ertugrul, fit-28 ta' Ottubru, 2013, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi preliminarjament, l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti hija preskritta bit-trapass ta` sentejn in kwantu hija azzjoni ta` rexissjoni ta` kuntratt a tenur tal-Artikolu 1222 u 1223 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Illi, subordinament minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-konvenju datat sbatax (17) ta` Dicembru 2008 huwa null u bla ebda effetti legali stante li dan il-konvenju ma kienx irregistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi kif jippreskrivi tassativament l-Artikolu 3(6) tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta` Malta.

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti nomine jiddikjara u jikkonferma li l-ammonti reklamati fir-rikors tas-socjeta` Anvil Limited huma fil-fatt ammonti certi, likwidi u dovuti lill-esponenti nomine mis-socjeta` Ta` Giorni Limited kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza. Fil-fatt dawn l-istess ammonti, u cioe, Euro 42,618.30 (Ewro tnejn u erbghin elf sitt mija u tmintax u tletin Ewro centezmu) qeghdin jigu mitluba mill-esponenti nomine permezz ta` kontro-talba li l-istess ghamel f`kawza ta` infurzar ta` konvenju (Citazz. Nru 85/2011 MC) promossa mis-socjeta` Ta` Giorni Limited quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta.

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim privat ta` appalt ma` Dhalia Investments Limited kien gie awtorizzat permezz ta` Board Resolution tad-diretturi ta` Anvil Limited datata 22 ta` Dicembru 2008 (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "A") u ai termini ta` klawsola 5 ta` ftehim maghruf bhala "Anvil Ltd, Anvil Décor Ltd, Co-operation Agreement" bejn Anvil Limited u Anvil Décor Limited, kwalunkwe xoghol kellu jigi ezegwit minn Anvil Décor Limited u/jew l-impjegati ta` Anvil Décor Limited u mhallas lill-istess;

5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tabiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` dan il-kaz.

6. Illi ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, u r-rikorrenti hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri”.

4. Rat is-sentenza preliminari tal-Prim’Awla tal-Qorti tat-22 ta’ Marzu, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi li permezz tagħha ġiet deċiża l-eċċezzjoni preliminari marbuta mal-preskrizzjoni billi:

> “Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Ta` Giorni Limited u Dhalia Investments Limited fejn kienet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skont l-Art 1222 u l-Art 1223 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta, bl-ispejjez kontra l-konvenuti Ta` Giorni Limited u Dhalia Investments Limited.
>
> Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Dunstan Williams noe fejn kienet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skont l-Art 1222 u l-Art 1223 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta, bl-ispejjez kontra l-konvenut Dunstan Williams noe”.

5. Dik il-Qorti ddeċidiet l-imsemmija eċċezzjoni preliminari wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Bis-sentenza tal-lum qeghdin jigu decizi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Ta` Giorni Limited u Dhalia Investments Limited u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Dunstan Williams noe fejn fil-kaz taz-zewg eccezzjonijiet kienet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skont l-Art 1222 u l-Art 1223 tal-Kap 16.
>
> Bl-azzjoni tal-lum, is-socjeta` attrici qeghda titlob l-impunjazzjoni u thassir tal-konvenju tas-17 ta` Dicembru 2008 li bih Ta` Giorni Limited obbligat ruhha li tbiegh u tassenja lil Ahmet Ertugrul li min-naha tieghu obbliga ruhu li jixtri u jakkwista l-appartament nru 11, Triq Andre` Maurois, kantuniera ma` Triq Albert Meyer, San Giljan, ghar-raguni li, skont is-socjeta` attrici, il-konvenju kien karpit b`consilium fraudis ghaliex kienu ser jintuzaw flus tas-socjeta` attrici sabiex jithallas il-prezz tal-bejgh tal-appartament”.
>
> L-Art 1222 tal-Kap 16 jaqra :-
>
>> “(1) Meta l-ligi f`xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta` interdizzjoni, jew nuqqas ta` età, taqa` bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.
>>
>> (2) Dan ighodd ukoll ghar-rexxissjoni ta` obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza”.

L-Art 1223 tal-Kap 16 jaqra :-

> "(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta` vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta` żball, ta` egħmil doluż, jew ta` kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.
>
> (2) Fil-każ ta` obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt".

Din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li taghmel analizi tal-portata ta` eccezzjoni simili fis-sentenza li tat fid-19 ta` April 2011 fil-kawza "**Licari Estates Limited (C-1218) vs Kischinchand Mohnani et**".

F`dik is-sentenza, inghad hekk :-

> *"L-istitut tar-rexxissjoni huwa regolat bl-Art.1209 sa 1231 tal-Kap.16.*
>
> *Skont il-konvenuti l-azzjoni attrici hija preskritta skond l-Art.1222 tal-Kap.16 li jaqra hekk –*
>
> > *"(1) Meta l-ligi f`xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta` interdizzjoni, jew nuqqas ta` età, taqa` bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.*
> >
> > *(2) Dan ighodd ukoll ghar-rexxissjoni ta` obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza".*
>
> *L-Art.1209 (1) jaqra hekk –*
>
> > *"(1) Bir-rexxissjoni ta` kuntratt, jekk il-ligi ma tiddisponix xort`ohra, il-partijiet jigu mqieghda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim".*
>
> *L-Art.1212 ifisser ahjar ghal liema konsegwenza twassal ir-rexxissjoni ta` kuntratt –*
>
> > *"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni.*
> >
> > *Il-gurisprudenza taghna kostantement affermat il-principju li azzjoni ghar-rexxissjoni ta` kuntratt tista` tintalab biss minn wiehed mill-partijiet fil-kuntratt de quo u mhux ukoll minn terzi. (ara s-sentenza – "Camilleri et vs Camilleri et" – Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri – 5 ta` Ottubru 2010)".*
>
> *Giorgi - Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano, Vol. III, p. 246 - ighid hekk :*
>
> > *"L`azione di nullita` o rescessione e` il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell`assunta obbligazione ottenendo l`annullamento, o rescissione che dir si voglia. E` un rimedio, che ha per necessario presupposto uno stato giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta. E differisce da ogni altro mezzo, con cui s`impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli*

*effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo".*

*Sabiex tista` tkun ammessa azzjoni ta` rexxissjoni, trid tissodisfa l-element importanti rapprezentat mill-persuna li tkun kontraenti fil-kuntratt li qieghed jigi mpunjat. Ghalhekk l-azzjoni ma tistax tkun proposta minn terza persuna li mhix parti mill-kuntratt.*

*Sabiex tkun tista` tirnexxi l-azzjoni ta` rexxissjoni, li ghaliha tapplika l-preskrizzjoni tas-sentejn, iridu jissussistu zewg elementi ohra –*

*(1) illi l-obbligazzjoni fil-kuntratt tkun invalida minhabba xi difett fil-kunsens jew inkapacita` skond il-ligi; u*

*(2) l-azzjoni ma tkunx preskritta fil-mument li tigi proposta.*

*Issa abbazi tal-fatti tal-kaz tal-lum huwa evidenti li dawn ma jinkwadrawx ruhhom ghal azzjoni fejn tista` tigi eccepita l-preskrizzjoni skond l-Art.1222 tal-Kap.16 ghaliex bl-azzjoni taghha tal-lum Licari mhijiex qeghda tittenta li timpunja kuntratt li tieghu kienet kontraent, izda qeghda tmexxi bl-actio pauliana sabiex tittenta l-impunjazzjoni ta` tlett kuntratti li saru bejn il-konvenuti konjugi Mohnani ma` binthom il-konvenuta Christine Varma fuq l-allegazzjoni (li ghad trid tkun ippruvata filmertu) li dawk it-tliet kuntratti saru bi frodi ghaliha bhala kreditrici tal-istess konvenuti konjugi Mohnani.*

*Ghall-actio pauliana tapplika l-preskrizzjoni tat-tletin (30) sena (ara : `Micallef et vs Sammut et` – Qorti tal- Appell – 29 ta` April 1925 – Vol.XXVI.I.120 ; `Sciortino et vs Micallef` – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 5 ta` Gunju 1959 – Vol.XLIII.II.748).*

*L-ewwel eccezzjoni preliminari qeghda tkun respinta".*

Issa fir-rigward tal-kawza tal-lum, fis-sottomissjonijiet finali, il-konvenuti insistew li din l-azzjoni hija wahda ta` rexxissjoni, peress li l-konvenju sar bejn terzi persuni meta s-socjeta` attrici ma kinitx wahda mill-kontraenti ; fl-istess nifs kien hemm ftehim iehor ta` appalt fejn is-socjeta` attrici kienet parti u fejn sar ftehim li l-hlas dovut lis-socjeta` attrici jinghata lill-venditur bhala parti mill-hlas dovut skont il-konvenju. Ghalhekk il-konvenuti jikkontendu li ghal dik is-sitwazzjoni kellu jghodd l-Art 1222 tal-Kap 16.

Din il-Qorti assolutament mhijiex tikkondividi l-posizzjoni tal-konvenuti.

Irrizulta b`mod evidenti illi din il-kawza saret sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-konvenju tas-17 ta` Dicembru 2008 kien ivvizzjat bi frodi a detriment ta` l-kumpannija attrici u ghalhekk kellu jigi ddikjarat null u bla effett fil-ligi.

Huwa wkoll evidenti illi dak li qieghed jigi mpunjat mhuwiex il-kuntratt ta` appalt izda l-konvenju.

> Inoltre rrizulta abbazi tal-provi illi z-zewg skritturi, ghalkemm saru fl-istess data, kienu skritturi separati tant li l-kontraenti ma kienux l-istess fiz-zewg skritturi.
>
> B`zieda ma` dan, is-socjeta` attrici mhijiex tallega li l-obbligazzjoni fil-konvenju ma kenitx tghodd minhabba xi difett fil-kunsens tal-kontraenti, li huwa element essenzjali ghall-azzjoni ta` rexxissjoni.
>
> Fil-kawza tal-lum, is-socjeta` attrici qeghda tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-pretensjoni li l-konvenju kien karpit b`*consilium fraudis*, li huwa element vitali tal-azzjoni pawljana.
>
> Il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici meta kien spjegat illi l-azzjoni tal-lum tas-socjeta` attrici hija l-azzjoni pawljana, peress li dak li kien qed jigi attakkat huwa l-konvenju li, skont is-socjeta` attrici, sar bi frodi ghall-pregudizzju taghha. Ghall-azzjoni pawljana, il-preskrizzjoni hija dik tat-tletin (30) sena.
>
> Il-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni attrici hija l-azzjoni pawljana jew revokatorja u ghalhekk il-preskrizzjoni skont id-disposizzjonijiet citati mill-konvenuti mhijiex applikabbli".

6. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Novembru, 2020, li permezz tagħha ġie deċiż il-mertu tal-kawża fejn jingħad:

> "Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) talbiet attrici.
>
> Tilqa` l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-kumpanniji konvenuti.
>
> Tichad ir-raba` (4) u l-hames (5) talbiet attrici kif dedotti kontra l-kumpanniji konvenuti.
>
> Tichad l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu tal-konvenut Dunstan Williams noe.
>
> Tilqa` r-raba` (4) u l-hames (5) talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Dunstan Williams noe.
>
> Tikkundanna lill-konvenut Dunstan Williams noe sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza".

7. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"<u>1. L-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet</u>

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Marzu 2016, fejn kienu michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Ta` Giorni Limited u Dhalia Investments Limited, u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Dunstan Williams noe, il-qorti ghamlet din l-osservazzjoni:

*"Fil-kawza tal-lum, is-socjeta` attrici qeghda tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-pretensjoni li l-konvenju kien karpit b`consilium fraudis, li huwa element vitali tal-azzjoni pawljana.*

*Il-qorti qieset is-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici meta kien spjegat illi l-azzjoni tal-lum tas-socjeta` attrici hija l-azzjoni pawljana, peress li dak li kien qed jigi attakkat huwa l-konvenju li, skont is-socjeta` attrici, sar bi frodi ghall-pregudizzju taghha. Ghall-azzjoni pawljana, il-preskrizzjoni hija dik tat-tletin (30) sena.*

*Il-qorti hija tal-fehma li l-azzjoni attrici hija l-azzjoni pawljana jew revokatorja u ghalhekk il-preskrizzjoni skont id-disposizzjonijiet citati mill-konvenuti mhijiex applikabbli".*

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, is-socjeta` attrici rrimarkat:

*"72. Illi mir-rizultanzi processwali rrizulta b`mod car li dan il-konvenju [u cioe` il-konvenju tas-17 ta` Dicembru 2008] ma kienx irregistrat u l-propjeta` inbieghet lil terzi ;*

*73. Illi ghalhekk ma ghadx hemm lok li din l-Onorabbli Qorti tippronunzja ruhha fuq it-talbiet [u cioe` l-ewwel tliet talbiet] ghax jidher bic-car li dawn it-talbiet illum huma ezawriti ;*

*74. Illi pero` irid jigi deciz min hu ntitolat ghall-flejjes li ghadhom f`idejn is-socjeta` ntimata Ta` Giorni Limited ergo r-raba` u l-hames talba tas-socjeta` attrici".*

Il-qorti rat x`kien deciz fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fl-24 ta` Frar 2016 fil-kawza Rik. Gur. Nru. 85/2011.

Tghid li ghalkemm dik is-sentenza mhijiex gudikat ghaliex jirrizulta li minnha sar appell li ghadu mhuwiex appuntat, il-qorti tista` tiddikjara, anke bl-ezercizzju tal-massima kawtela, illi fir-rigward tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet talbiet, il-perkors ghall-fini ta` din il-kawza huwa konkluz u ezawrit ghal kollox mhux biss ghaliex hekk qed ikun dikjarat mis-socjeta` attrici stess ghalkemm it-talbiet innfushom, presumibbilment ghal ghal ragunijiet ta` determinazzjoni tal-kap tal-ispejjez ma kenitx ceduti, fattwalment huwa kkonfermat li m`ghadhomx aktar attwali ghaliex mhux biss irrizulta li l-konvenju ma` Ertugrul ma baqax fis-sehh izda addirittura l-fond mertu tal-konvenju kien trasferit lil terzi.

2. Ir-raba` (4) u l-hames (5) talbiet

Fir-rigward ta` r-raba` u tal-hames talbiet, l-attrici tirrikonoxxi li l-qorti tinsab rinfaccjata b`konflitt ta` verzjonijiet dwar il-fatti.

a) Gurisprudenza

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza Xuereb et vs Gauci et il-Qorti tal-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet illi :–

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "Bugeja vs Meilak" – Prim`Awla - 30 ta` Ottubru 2003 ; "Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa" – Prim`Awla – 28 ta` Mejju 2003 ; "Farrugia vs Farrugia" – Prim`Awla - 24 ta` Novembru 1966)"

Fis-sentenza ta` din il-qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "Ciantar vs Curmi noe" kien precizat hekk –

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-*

*probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "Camilleri vs Borg" – Appell Civili – 17 ta` Marzu 2003 "Zammit vs Petrococchino" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952 ; "Vassallo vs Pace" – Appell Civili – 5 ta` Marzu 1986)"

Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet "Chef Choice Limited vs Raymond Galea et" inghad hekk :-

*"Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12) …*

*Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ...*

*certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)"*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-12 ta` April 2007 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi inghad :-

"(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;

(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;

(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-

eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;

(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu".

b) Il-verzjonijiet

Ghar-rigward tas-socjeta` attrici, qieghed jinghad li l-appalt kien kontrattat maghha.

Tajjeb jinghad li Palmier stqarr illi, ghalkemm l-appalt ma` Dhalia kien kontrattat minn Ertugrul ad insaputa tieghu, il-ftehim ma Williams, Erturgul u Ulusoy kien illi meta jsir xoghol minnhom it-tlieta, il-fattura tinhareg dejjem fuq Anvil, sabiex wara li jithallsu l-ispejjez, jircievu l-hlas dovut lilhom.

Dwar il-fatt li parti mill-prezz tal-appalt kellu jithallas bit-trasferiment ta` appartament propjeta` ta` Ta` Giorni, Palmier xehed illi ma kienx bil-konvenju li kien konkluz de proprio.

Cahad li ffirma r-risoluzzjoni li allegatament hija datata 23 ta` Dicembru 2008.

Fis-sostanza taghha, il-verzjoni ta` Palmier issib konferma fix-xiehda tal-Av. Dr. Kevan Azzopardi u ta` Adrian Grech.

Dr Azzopardi kkonferma li saret laqgha ma` Palmier u Williams fejn irrizulta li l-appalt kien kontrattat ma` Anvil u li kellha tkun din li tiehu r-rikavat.

Xehed ukoll li kienet saret laqgha ohra din id-darba ma` rapprezentanti ta` Dhalia. Fil-laqgha kien ikkonfermat li l-pagament b`cheques li ghamlet Dhalia fil-kwadru tal-appalt hargu fuq Anvil, u li kien xi hadd mhux maghruf ghal Dhalia zied il-kelma Décor wara l-kelma Anvil fic-cheques li kienu destinati lil Anvil.

Adrian Grech xehed illi l-appalt ta` Dhalia sar ma` Anvil mhux ma` Anvil Décor tant li l-hlas fi flus b`cheques sar favur Anvil.

Id-dettalji tal-appalt saru ma` Ertugrul. Saru jafu b`Palmier hafna zmien wara.

Xehed illi huwa qatt ma ra l-board resolution ta` Anvil u ma kellux kopja taghha fil-file taghhom.

Min-naha tal-konvenut Ertugrul, jinghad li Anvil m`ghandha tiehu xejn – lanqas mill-appalt li sar ma` Dhalia.

Williams xehed illi Palmier kien jaf bl-appalt.

Ighid illi ghalkemm ittrattaw ma` Dhalia taht il-kappa tas-socjeta` rikorrenti, ma kellhom x`jaqsmu xejn ma` l-attrici.

Dwar ir-risoluzzjoni kkonferma li saret fl-ufficcju ta` Anvil. Kienu prezenti hu, Palmier, Ertugrul u Ulusoy, ghalkemm ma rax lil Palmier jiffirma r-risoluzzjoni.

Dwar ic-cheques ta` Dhalia, xehed illi ma jafx min kiteb *Décor* wara *Anvil* fic-cheques li Dhalia kienet harget favur Anvil. Fl-istess waqt ighid illi sar jaf minghand Ulusoy li dan kien irranga ma` Palmier sabiex ic-cheques jigu depozitati fil-kont ta` Anvil Décor.

Ghal domanda tal-qorti, ikkonferma li Dhalia ttrattat ma` Anvil u li c-cheques hargu fuq Anvil.

Ulusoy xehed illi Palmier iffirma r-risoluzzjoni quddiemu.

Stqarr illi kien Palmier illi qallu biex izid il-kelma *Décor* fic-cheques.

Bhal Williams jixhed illi Palmier kien jaf bin-negozju li kien sar ma` Dhalia.

Sahaq li r-rikavat tal-appalt kellu jmur favur Anvil Décor mhux ghand Anvil ghaliex kienu huma li ghamlu x-xoghol.

Ikkonferma li kien hu li kiteb Décor wara Anvil fic-cheques li kien harget Dhalia, wara li Palmier awtorizzah sabiex jaghmel dan.

Ertugrul stqarr illi l-appalt sar fl-isem ta` Anvil ghaliex sa dak iz-zmien Anvil Décor ma kenitx ghadha ffurmata.

Ghal domanda tal-qorti, wiegeb illi jekk ic-cheques ta` Dhalia kienu ntestati fuq Anvil, kien ifisser li Palmier kien involut.

Fl-istess waqt xehed ukoll li kien hemm arrangament bejn Ulusoy u Palmier sabiex wara *Anvil* fic-cheques tinkiteb il-kelma *Décor*.

Qal li ma jiftakarx li kien sar ftehim bejn Anvil u Anvil Décor.

Lanqas ma ftakar li kellhom jithallsu Lm 10 kuljum lil Palmier.

c) Konsiderazzjonijiet

Il-verzjoni tal-fatti kif prezentata minn Charles Palmier tisboq bil-wisq fuq bazi ta` kredibilita` u verosimiljanza dik prezentata mill-konvenut Ertugrul.

Il-fatti kif prezentati mis-socjeta` attrici huma korraborati minn persuni li xehdu kjarament u huma konfortati b`dokumenti mentri l-fatti kif tressqu mill-konvenut Ertugrul huma kostellati minn provi konfliggenti.

Ma huwa verosimili xejn li min-naha ta` Urtugrul jinghad li z-zieda fic-cheques ta` *Décor* wara *Anvil* saret bl-approvazzjoni ta` Palmier. Jekk Palmier ried li c-cheques intestati lil "Anvil Limited" jigu depozitati f`kont intestat "Anvil Décor Limited", li ried jaghmel kien biss li jiffirma hu c-cheques fuq wara u cioe` jaghmel *endorsement* taghhom u d-depozitu kien isir. Kien att illegali u kontra l-procedura bankarja li jinbidel l-isem tal-payee tac-cheque minn terz bla ma l-persuna li tkun harget ic-cheque tiffirma fuq ic-cheque nnifsu l-bidla fil-payee. Din il-qorti tiskanta kif bil-kontrolli kollha bankarji li kienu jezistu anke fiz-zmien li nhargu c-cheques issir bidla fil-payee daqstant evidenti u minghajr kontrofirma u ghall-bank riceventi jghaddi kollox.

Mhuwiex kredibbli li Palmier accetta ghal Anvil li l-appalt ma` Dhalia jithallas in parte bit-trasferiment ta` appartament minn Ta` Giorni favur Ertugrul de proprio minghajr ma titressaq prova konvincenti li Ertugrul kien se jaghmel tajjeb de proprio favur Anvil ghall-akkwist li kien ser jaghmel hu.

Fil-kaz tar-raba` talba, l-assjem tal-provi u cirkostanzi ta` dan il-kaz juri li l-attrici rnexxielha taghmel il-prova tas-sussistenza ta` dik it-talba sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghar-rigward tal-hames talba, il-qorti ma ssibx li din it-talba tregi fil-konfront tal-kumpanniji konvenuti. Tregi biss fil-konfront tal-konvenut Ertugrul.

Fil-kawza bin-nru 85/2011 li kienet deciza fl-24 ta` Frar 2016 u li minnha sar appell, is-socjeta` attrici ma kenitx parti. Anke jekk l-esitu tad-decizjoni tal-ewwel istanza ikun konfermat fl-appell, u dik id-decizjoni ssir gudikat, tibqa` *res inter alios acta* u ma tikkostitwix stat fil-konfront tal-attrici.

L-ammonti mertu tal-hames talba jirrizultaw mill-kuntratt ta` appalt bejn Anvil u Dhalia. Fil-kuntratt inghad hekk :-

> *"In this respect the Company undertakes to pay the contractor by the end of January 2009 an initial deposit of € 15,000 which the contractor is hereby authorizing the Company to use in part for the cost of*

*registration of the preliminary agreement and in part as the deposit envisaged in the said preliminary agreement signed between Ahmet Ertugrul personally and "Ta Giorni Limited" earlier on today, relative to property at Ta` Giorni, Saint Julian`s.*

*The balance of the payment due to the Contractor for the Xemxija project will be settled on the completion of the works by the Contractor. The Company reserves the right to hold back the amount of € 27,500 as the 20% deposit due by Ahmet Ertugrul personally as stipulated in the said preliminary agreement".*

Jirrizulta ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li Ertugrul ma kellu l-ebda setgha li jdawwar favur tieghu de proprio flus li kienu destinati lil Anvil.

Jirrizulta li fl-20 ta` Frar 2009, Ta` Giorni rceviet is-somma ta` € 15,118.30 minghand Dhalia "*as per agreement and promise of sale dated 17th December 2008".*

Jirrizulta wkoll li fil-11 ta` Ottubru 2010 Ta` Giorni rceviet is-somma ta` €27,500 minghand Dhalia wkoll "*as per agreement and promise of sale dated 17th December 2008*"

Jirrizulta li l-ammont komplessiv ta` €42,618.30, li kien parti mill-prezz li Dhalia kellha thallas lil Anvil tal-appalt, thallsu bil-kunsens ta` Ertugrul minn Dhalia favur Ta` Giorni sabiex bihom jithallsu l-ispejjez tar-registrazzjoni tal-konvenju kif ukoll parti mill-prezz tal-appartament li kien ser jigi akkwistat minn Ertugrul de proprio.

Tajjeb jinghad illi fil-ftehim ta` bejn Anvil u Anvil Décor, ma kienx hemm miktub biss li l-konvenuti ghandhom ihallsu lil Palmier is-somma ta` Lm 10 kuljum ghall-uzu tal-fabbrika. Hemm ukoll klawsola il-klawsola li tghid : *13. The owner receives a professional fee of € 163 per week for the marketing efforts, irrespective of the sales orders or deals closed.* Ghalhekk il-hlas ta` €163 fil-gimgha kien oltre "*sales orders or deals closed*". Kwindi Anvil kellha tithallas <u>ukoll</u> parti mir-rikavat tan-negozju".

8. Rat ir-rikors tal-appell ta' Ahmet Ertugrul, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza preliminari tat-22 ta' Marzu, 2016, kif ukoll is-sentenza tat-30 ta' Novembru, 2020 u tikkonferma l-aggravji tal-appellant filwaqt li t-talbiet tas-soċjetà appellanta (*recte*: appellata) jiġu miċħuda u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà appellata.

9. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjetajiet konvenuti Ta' Giorni Limited u Dhalia Investments Limited, li permezz tagħha talbu lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

10. Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu, 2023, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-konvenut appellant Ahmet Ertugrul sabiex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament.

11. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami, waqt is-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2023, meta l-appell baqa' differit għas-sentenza.

12. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

13. Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob li: (i) jiġi dikjarat li l-konvenju bejn is-soċjetà konvenuta Ta' Giorni Limited u l-konvenut Ahmet Ertugrul, datat 17 ta' Diċembru, 2008, huwa vizzjat bi frodi għad-detriment tas-soċjetà appellata u konsegwentement null u bla effett fil-liġi; (ii) tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmi konvenju huwa null u bla effett legali u tordna r-rexxisjoni tal-istess konvenju; (iii) tinnomina

nutar sabiex jiġi pubblikat il-kuntratt ta' rexxissjoni fil-ġurnata, ħin u lok li jogħġobha tiffissa l-Qorti u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi; (iv) tiddikjara li l-flus li s-soċjetà konvenuta Dhalia Investments Limited għaddiet lis-soċjetà konvenuta Ta' Giorni Limited huma flus tas-soċjetà attriċi Anvil Limited; u (v) konsegwentement tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom għandhom jgħaddu s-somom ta' €15,118.30 u €27,500 lis-soċjetà appellata.

14. Is-soċjetajiet konvenuti Ta' Giorni Limited u Dhalia Investments Limited eċċepew (I) preliminarjament li l-azzjoni tas-soċjetà attriċi hija preskritta bit-terminu ta' sentejn skont l-Artikoli 1222 u 1223 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; (II) it-talbiet attriċi huma infondati, peress li l-konvenju huwa validu; (III) is-soċjetajiet eċċipjenti wettqu l-obbligi kollha tagħhom skont il-konvenju u ħallsu lis-soċjetà attriċi kull addebitu skont l-istess konvenju.

15. Dunstan Williams li assuma l-atti għan-nom tal-konvenut Ahmet Ertugrul wieġeb illi: (a) preliminarjament li l-azzjoni tas-soċjetà attriċi hija preskritta bit-terminu ta' sentejn skont l-Artikoli 1222 u 1223 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) il-konvenju tas-17 ta' Diċembru, 2008 huwa null u bla effett peress li ma kienx reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni skont l-Artikolu 3(6) tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta; (ċ) l-ammonti reklamati mis-soċjetà attriċi huma fil-fatt ammonti ċerti, likwidi u dovuti lill-

istess konvenut u fil-fatt l-ammont ta' €42,618.30 qiegħed jiġi mitlub jitħallas permezz ta' kontrotalba fil-kawża li titratta nfurzar ta' konvenju li ġġib referenza 85/2011 imressqa mis-soċjetà Ta' Ġiorni Limited (li l-appell tagħha qiegħed jiġi deċiż illum ukoll); (d) il-ftehim privat ta' appalt kien awtorizzat permezz ta' *Board Resolution* tad-diretturi tas-soċjetà attriċi u skont klawsola 5 ta' ftehim bejn Anvil Limited u Anvil Decor Limited*;* (e) it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u (f) it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

16. Permezz tas-sentenza preliminari tal-Ewwel Qorti tat-22 ta' Marzu, 2016, fil-kawża in eżami, ġew miċħuda l-ewwel eċċezzjoni kemm tas-soċjetajiet konvenuti Ta' Giorni Limited u Dhalia Investments Limited, kif ukoll ta' Dunstan Williams *nomine,* inkwantu ngħad li l-preskrizzjoni nvokata minnhom a tenur tal-Artikolu 1222 u 1223 tal-Kodiċi Ċivili ma kinitx dik applikabbli għall-azzjoni attriċi. Bl-ispejjeż ta' dik is-sentenza kellhom jinġarru mill-konvenuti rispettivi li ressquha.

17. Mentri permezz tas-sentenza tat-30 ta' Novembru, 2020, filwaqt li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel tliet talbiet attriċi u laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tas-soċjetajiet konvenuti, ċaħdet ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi kontra l-istess soċjetajiet konvenuti, iżda ċaħdet l-eċċezzjonijiet fil-mertu ta' Dunstan Williams *nomine* u laqgħet ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Dunstan Williams *nomine.*

Ikkundannat ukoll lill-konvenut Dunstan Williams *nomine* sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

18. Il-konvenut Ahmet Ertugrul ħassu aggravat bl-imsemmija sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk interpona appell minnhom. L-appell tal-konvenut appellant Ertugrul jissejjes fuq tliet aggravji prinċipali:

(I) Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, il-konvenut jagħti mill-ġdid l-isfond tal-każ fejn isostni li fil-bidu tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-kontendenti, il-konvenut u sħabu kienu kostretti jaħdmu taħt l-isem ta' Anvil Limited minħabba l-arranġament li kellhom ma' Charles Palmier u kien għalhekk li l-kuntratt ta' appalt ma' Dhalia Investments Limited ġie ffirmat minn Ahmet Ertugrul f'isem Anvil Limited. Jisħaq li fl-istess ġurnata li sar dan il-kuntratt, ġie ffirmat konvenju li permezz tiegħu kellu jakkwista appartament f'San Ġiljan, li kellu jitħallas in parti bil-prezz tax-xogħol tal-kuntratt ta' appalt. Kwindi l-argument tal-konvenut appellant huwa li, ma kellu l-ebda intenzjoni li jirrendi ruħu insolventi, jew li jippreġudika l-interessi ta' Anvil Limited. Wara kollox, jisħaq li fit-23 ta' Diċembru, 2008, id-diretturi tas-soċjetà attriċi, jiġifieri Charles Palmier, Dunstan Williams u l-istess Ahmet Ertugrul, iffirmaw *Board Resolution* li approvat il-ftehim li kellu jsir bejn Dhalia Investments Limited u Ahmet Ertugrul għan-nom ta' Anvil Limited, liema *Board Resolution*, filwaqt li huwa u sħabu jsostnu li kienet debitament iffirmata

minn Palmier, min-naħa l-oħra, Palmier isostni li kienet waħda fejn il-firma tiegħu ġiet fabbrikata. Isostni li l-provi fuq din il-kwistjoni ma taw l-ebda konklużjoni, inkluż il-ħatra ta' espert tal-kalligrafija.

F'kull każ, il-konvenut appellant jargumenta li, Charles Palmier ma setax jippretendi li r-rikavat tax-xogħlijiet li twettqu fuq il-kuntratt ta' appalt ta' Dhalia Investments Limited, kellhom kollha jkunu pagabbli lis-soċjetà attriċi sabiex wara li jinqatgħu d-drittijiet tiegħu u l-ispejjeż tal-fabbrika, il-bilanċ jitħallas lilu u lill-sħabu għax-xogħol kollu li għamlu, wara kollox, skont l-istess Palmier huwa ma kienx jaf dwar il-kuntratt ta' appalt inkwistjoni. Għalhekk, jikkritika l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, sa fejn iddeċidiet li l-ammont sħiħ ta' €15,118.30 u €27,500 li tħallsu fuq il-konvenju, għandhom jitħallsu kollha lis-soċjetà attriċi appellata, qisu ma kien jeżisti l-ebda ftehim bejn Anvil Limited, l-appellant u sħabu, bħallikieku l-appellant u sħabu ma għamlu xejn mill-appalt.

Wara kollox, is-soċjetà Anvil Decor Limited ġiet ikkrejata sabiex l-appellant u sħabu ma jkomplux jaħdmu taħt il-kappa ta' Anvil Limited u kien għalhekk li l-awditur Charles Attard intalab li jagħmel *co-operation agreement* bejn iż-żewġ kumpaniji. L-appellant jikkonċedi li għalkemm ma kienx feliċi l-fatt li ġie alterat ċekk maħruġ fuq isem Anvil Limited għal fuq Anvil Decor Limited, peress li minn dejjem kien il-ħsieb li l-ħlas

li jsir minn Dhalia Investments Limited, kien għax-xogħol li sar mill-appellant u sħabu, jisħaq li dan il-fatt m'għandux iwassal sabiex l-ammont kollu jispiċċa dovut lil Anvil Limited u l-appellant u sħabu jispiċċaw ma jieħdu xejn għax-xogħol li kienu għamlu. Huwa evidenti li Palmier qiegħed jittanta li jieħu l-ammont intier mingħajr ma ppreżenta rendikont ta' dak li huwa l-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi għas-servizz li rrendiet lill-appellant u lil sħabu. L-ammont totali ta' €42,618.30 huwa fil-verità dovut lill-appellant u lil sħabu għax-xogħlijiet ta' *ferrobattuto* mwettaq minnhom, minkejja li għall-konvenjenza ta' kulħadd dan twettaq meta huma kienu joperaw taħt il-kumpanija Anvil Limited.

(II) Fit-tieni aggravju tiegħu, il-konvenut appellant, filwaqt li jagħmel referenza għas-sentenza deċiża in Prim Istanza fl-24 ta' Frar, 2016, li ġġib referenza Rikors Numru 85/2011 (li l-appell tagħha qiegħed jiġi deċiż illum ukoll) li qieset li l-konvenju kien wieħed null u bla effett, ġaladarba qatt ma kien irreġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u għalhekk ma hemm xejn x'jiġi revokat, huwa evidenti li l-premessi attriċi f'din il-kawża li l-istess konvenju kien vizjat bi frodi a detriment tas-soċjetà attriċi huma nveritieri. Is-soċjetà attriċi ddikjarat li l-kawża odjerna kienet dik pawljana jew revokatorja taħt l-Artikolu 1144 tal-Kap. 16, inkwantu l-bażi legali ta' din il-kawża odjerna, hija l-*consilium fraudis* min-naħa tal-istess konvenut appellant, dan meta rriżulta ċar li

tali konvenju kien null *ab initio,* tant li l-imsemmija sentenza ordnat ir-rifużjoni a favur tal-appellant il-flus imħallsa fl-ammont ta' €42,618.30*.*

L-appellant jagħmel referenza għal-liġi in materja (jiġifieri l-Artikolu 1144 li jitratta l-*actio pauliana)* u l-ġurisprudenza fis-sens li: (i) din l-azzjoni hija akkordata lill-kreditur, li jeħtieġ li juri li l-konvenut huwa debitur tiegħu; (ii) daħal f'kuntratt gratuwitu u / jew onoruż ma' terzi li wassal lill-attur isofri preġudizzju (*eventus damni)* peress li l-istess att ser iwassal għal stat ta' insolvenza; u (iii) dan bl-intiża ċara li l-konvenut ried jiffroda lis-soċjetà attriċi, (*consilium fraudis)* kif ukoll, li f'każ ta' trasferiment oneruż, tinħtieġ li tiġi ppruvata wkoll l-intenzjoni frawdolenti da parti tal-akkwirenti *(partecipatio fraudis*) li jkunu qegħdin jirċievu l-assi mingħand il-vendditur. Issir referenza estensiva għall-ġurisprudenza fis-sens li huwa meħtieġ li jiġu ppruvati dawn l-elementi kollha sabiex l-*actio paoliana* tirnexxi. Ingħad ukoll li, din l-azzjoni hija ntiża sabiex tiġi salvagwardjata l-integrità tal-patrimonju tad-debitur u konsegwentement ukoll il-pretensjonijiet tal-kreditur. Sabiex tirnexxi l-*actio paoliana,* jeħtieġ li jiġu ppruvati dawn l-elementi kollha b'mod kumulattiv u fin-nuqqas ta' imqar wieħed mill-elementi, l-azzjoni attriċi għandha tfalli.

Il-konvenut appellant isostni li l-azzjoni attriċi odjerna hija nieqsa minn uħud mill-elementi essenzjali u kumulattivi tal-azzjoni pawljana,

fosthom li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jiffroda lis-soċjetà attriċi, kif ukoll, is-soċjetà attriċi naqset milli tipprova li l-appellant għamel att li kien ser iwassal għall-preġudizzju minħabba stat ta' insolvenza li tali att ser iwasslu fih (*eventus damni*), jew il-parteċipazzjoni frawdolenti da parti tal-istess appellant (*consilium fraudis*), jew ix-xjenza u l-parteċipazzjoni frawdolenti ta' terzi (*partecipatio fraudis*) għad-detriment tal-istess soċjetà attriċi. Għalhekk l-azzjoni mressqa mis-soċjetà appellanti hija preskritta bid-dekors tas-sentejn skont l-Artikolu 1222 tal-Kap. 16; jew bid-dekors ta' tmintax-il xahar *ai termini* tal-Artikolu 2148 (a) (b)(f) u / jew bid-dekors ta' sena skont l-Artikolu 2147(a) tal-Kap. 16.

(III) Fl-aħħar aggravju tiegħu, il-konvenut appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni fis-sentenza preliminari tagħha tat-22 ta' Marzu, 2016, fis-sens li ċaħdet kemm l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet Dhalia Investments Limited u Ta' Giorni Limited, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut appellant kontra tagħhom, b'dan li kull parti kellu jbati l-ispejjeż rispettivi tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom. Kif ukoll, l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi peress li fis-sentenza li ġġib referenza Rikors Numru 85/2011 kien ritenut li l-konvenju kien null *ab initio.* Il-konvenut appellant jilmenta li minkejja dan kollu, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Novembru, 2020, iddeċidiet fuq il-kap tal-

ispejjeż, billi kkundannat lill-konvenut appellant sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u dan b'mod kontradittorju fil-konfront tal-ewwel sentenza fejn kienet iddeċidiet mod ieħor. Ġaladarba f'din il-kawża kien ritenut li ma kien hemm l-ebda konvenju x'jiġi revokat, skont il-massima *quod nullum est nullum producit effectum,* inkwantu ġie meqjus null u bla effett, ma kien hemm xejn x'jiġi revokat. Kwindi l-konvenut appellant jisħaq li dan l-aggravju jimmerita li jiġi milqugħ u ċertament m'għandux ikun hemm deċiżjonijiet kunfliġġenti fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>:**

19. Jibda billi jingħad li, jinħass xieraq li l-ewwel jiġi trattat it-tieni aggravju tal-konvenut appellant. Huwa ritenut li filwaqt li minkejja li l-prinċipji esposti mill-konvenut appellant fil-materja ta' *actio paoliana* huma tajba, jiġi nnutat li s-sentenza preliminari tat-22 ta' Marzu, 2016, kienet intiża li tiddeċiedi l-eċċezzjoni preliminari mressqa kemm mis-soċjetajiet konvenuti Ta' Giorni Limited u Dhalia Investments Limited, kif ukoll dik mill-konvenut appellant Ahmet Ertugrul, jiġifieri dik tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili. Kwindi l-iskop ta' dik id-deċiżjoni kienet li tiġi mistħarrġa dik l-eċċezzjoni tal-konvenuti fil-kuntest tal-azzjoni attriċi. Ċertament li f'dak l-istadju ma kienx l-iskop li

jiġu mistħarrġa l-provi u jekk dawn kellhomx iwasslu sabiex l-azzjoni attriċi tirnexxi jew le.

20. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-Ewwel Qorti għamlet sew li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti kollha skont l-Artikolu 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dan jingħad peress li, kif ingħad minn din il-Qorti f'okkażjonijiet oħra, l-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili:

> *"... jghodd ghall-azzjoni ta' rexxissjoni minhabba vizzju tal-kunsens ta' xi parti fuq kuntratt. L-azzjoni ta' rexxissjoni hija miftuha biss ghall-kontraenti fuq il-kuntratt, u ebda terz ma jista' jitlob ir-rexxissjoni ta' kuntratt billi jallega difett fil-kunsens ta' parti (ara Borg v. Nahla Ltd deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Frar 2008).* ***Jekk terz jallega li ftehim jilledi d-drittijiet tieghu, l-azzjoni miftuha ghalih hija l-ao pauliana, li fiha jitlob li jigi dikjarat li l-kuntratt li sar bejn tnejn jew aktar persuni ma jaghmilx stat fil-konfront tieghu peress li jkun sar bi frodi ghall-interess tieghu. Ghal din l-azzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni kontemplat fl-Artikolu 1222 mhux applikabbli****, u allura inkwantu din l-azzjoni ma hijiex u ma tistax tkun wahda ta' rexxissjoni, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni bazata fuq l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili qed tigi michuda."* (enfasi ta' din il-Qorti)

(Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015, fil-kawża fl-ismijiet **Pupa Holdings Limited v. Tor Limited et.**).

21. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li s-soċjetà attriċi Anvil Limited ukoll ma kinitx parti fuq il-konvenju li fuqu hija ressqet l-ewwel tliet talbiet tagħha għat-tħassir tiegħu. Ġaladarba l-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili japplika fir-rigward ta' rexxissjoni ta' kuntratti bejn il-partijiet li jikkuntrattaw (ir-rexxissjoni hi regolata mill-Artikoli 1209-1231 tal-Kodici Ċivili) u s-soċjetà attriċi ma kinitx parti għall-konvenju oġġett ta'

dawn il-proceduri, isegwi li tabilħaqq l-imsemmija provvediment tal-liġi mqanqal mill-konvenuti fl-eċċezzjonijiet tagħhom ma japplikax. F'dan is-sens l-aggravju tal-konvenut appellant ma jistax jirnexxi.

22. Madankollu, fl-istess rikors tal-appell il-konvenut appellant jinvoka artikoli oħra tal-liġi marbuta mal-preskrizzjoni. Għalkemm dan mhux il-mod kif jitressqu eċċezzjonijiet ġodda u mhux normali li jitħallew li jitressqu eċċezzjonijiet ġodda f'dan l-istadju inoltrat tal-kawża, peress li l-preskrizzjoni hija eċċezzjoni perentorja li tista' titressaq f'kull stadju tal-kawża, imqar fl-appell (ara Artikolu 732(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili – Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) din il-Qorti jkollha tistħarreġ dawn l-eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-konvenut appellant.

23. Il-konvenut appellant iressaq bħala eċċezzjonijiet ġodda, il-preskrizzjoni ta' sena skont l-Artikolu 2147(a) tal-Kodiċi Ċivili (jiġifieri l-azzjonijiet tas-surmastrijiet jew għalliema ta' xjenzi jew ta' arti għal-lezzjonijiet li jagħtu bil-ġurnata jew bix-xahar); dik ta' tmintax-il xahar skont l-Artikolu 2148(a) (li tolqot azzjonijiet ta' persuni li jaħdmu sengħa jew arti, bħal fosthom ħaddieda għall-prezz tal-opri jew xogħlijiet tagħhom jew tal-materjal li jfornu); skont l-Artikolu 2148(b) (azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut; u skont l-Artikolu 2148(f) (l-azzjonijiet ta' kull persuna għall-kera

ta' ħwejjeġ mobbli). Madankollu jiġi osservat li, kif ingħad drabi oħra, sabiex jiġu applikati dawn il-preskrizzjonijiet il-qosra, jeħtieġ li jiġi osservat ukoll dak li jipprovdi l-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili (kif emendat fl-2017) jiġifieri:

> "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa".*

24. Bl-emenda li saret fl-2017 il-leġiżlatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas, il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Bottega Del Marmista Ltd v. Paul Mifsud pro et** tas-26 ta' Jannar, 2018). Bl-emendi tal-2017, inbidlet xi ftit is-sitwazzjoni, hekk kif ġaladarba tiġi eċċepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jgħid bil-ġurament waqt il-kawża, li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa (fejn qabel kien jingħata l-ġurament deċiżorju). Huwa ritenut li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant dwar il-preskrizzjonijiet qosra, kif imressqa fir-rikors tal-appell tiegħu tal-21 ta' Diċembru, 2020, (li għalhekk japplika għalihom l-Artikolu 2160, kif emendat) ma jistgħux jirnexxu, peress li fl-ebda ħin il-konvenut ma ddikjara bil-ġurament tiegħu illi mhuwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk ħallasx lis-soċjetà attriċi, skont ma jitlob l-Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili, hekk kif emendat.

25. Anzi, fil-każ in eżami, mix-xhieda ta' Ehmet Ertugrul irriżulta li ammetta li għandu ħlasijiet pendenti:

> "*The Court: But do you owe anything to Mr. Palmier?*
>
> *The witness: It was about six thousand five hundred (6500)*
>
> *....*
>
> *The Court: ...This is the only thing that you have to give him... The six thousand five hundred (6500) euro in rent..*
>
> *The witness: In rent six thousand five hundred (6500).*
>
> *The Court: Six thousand five hundred (6500).*
>
> *The witness: Yes Mr. Judge."* (fol. 657)

Kif ukoll:

> "*Dr. Jason Grima: If I tell you that you left mind you the sum of €8,000 in electricity payments....*
>
> *Witness: Yes I know there is a bill.*
>
> *Court: Did you pay it?*
>
> *Witness: ...*
>
> *Court: Are you prepared to pay it?*
>
> *Witness: If there is a bill that need to pay.*
>
> *...*
>
> *Dr. Jason Grima: Do you know also that there was 2,700 in telephone calls payments as well?*
>
> *Witness: I don't know.*
>
> *Court: But if the calls are relative to the time when you occupied the place you are ready to pay them as well. That is what you are saying?*
>
> *Witness: This one, if there is a bill, pay the bill."* (fol. 640 -641)

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ix-xhieda żgur mhix dak maħsub fl-Artikolu 2160(1), anzi saħansitra xxejjen l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li l-azzjoni attriċi tinsab preskritta taħt xi wieħed mill-artikoli tal-liġi ċitata minnu fl-appell in eżami, inkwantu tali ammissjoni ta' debitu, (minkejja li l-ammont huwa differenti minn dak mitlub) ċertament tikser il-preskrizzjoni vantata mill-istess appellant.

26. Isegwi li t-tieni aggravju tal-konvenut appellant ma jreġix u ma jistax jintlaqa'. Dan ma jfissirx li s-soċjetà attriċi eżentat ruħha mill-ħtieġa li tipprova l-każ tagħha. Iżda ġara li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, ġiet deċiża in Prim Istanza fl-24 ta' Frar, 2016, il-kawża li ġġib referenza Rikors Numru 85/2011 fejn qieset li l-konvenju tas-17 ta' Diċembru, 2008, kien wieħed null u bla effett, ġaladarba qatt ma kien irreġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Minkejja li tressaq appell minn dik is-sentenza, l-appell kien iċċentrat fuq il-kwistjoni ta' lil min kellha ssir ir-rifużjoni tal-flus imħallsa bħala depożitu. Dan ifisser li dik il-parti tas-sentenza li ddikjarat il-konvenju null u mingħajr effett, ilha tikkostitwixxi ġudikat sa mill-24 ta' Frar, 2016. Isegwi li llum il-ġurnata, ma hemm xejn x'jiġi revokat, anzi saħansitra rriżulta li l-proprjetà inkwistjoni llum tinsab mibjugħa lil terzi. Kwindi din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Ewwel Qorti li astjeniet milli tiddeċiedi l-ewwel tliet talbiet attriċi, li kienu proprju marbuta mat-tħassir tal-istess konvenju, ġaladarba dan kien ġie dikjarat

null fil-kawża l-oħra. Dan lanqas ma jfisser li l-azzjoni attriċi tispiċċa fix-xejn. Iżda kien jonqos li l-Ewwel Qorti tiddeċiedi r-raba' u l-ħames talbiet attriċi fil-kuntest tal-provi quddiemha.

27. Dan iwassal għall-konsiderazzjoni tal-ewwel aggravju tal-konvenut appellant, li bażikament jissejjes fuq il-kritika tal-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti. Kif ingħad drabi oħra, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk mhux għal xi raġuni gravi u impellenti, iżda min-naħa l-oħra, din il-Qorti xorta għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat, irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Anzi, f'sistema bħal tagħna, fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, din il-Qorti tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabbilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**). Jeħtieġ ghalhekk li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravji tal-konvenut appellant.

28. Kif ingħad drabi oħra, il-prinċipju li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, (Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jiġi deskritt bħala *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa l-obbligu ta' min iressaq kawża

quddiem il-Qorti, sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. U fil-fatt l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi wkoll li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, iżda jingħad ukoll fir-rigward tal-materja ta' provi, li l-oneru tal-prova huwa ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), u kemm fuq il-konvenut, in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex kif ingħad "jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta" – (Ara s-sentenza mogħtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**). Inoltre, f'ġudizzju ċivili, il-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet u huwa meħtieġ li Qorti tara jekk verżjoni waħda teskludix lil oħra, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-provi da parti tal-Qorti f'kaz ta' kunflitt bejn verżjonijiet differenti, huwa li tiddeċiedi fuq bilanċ ta' probabbilitajiet u l-verosimiljanza tal-provi u li fin-nuqqas biss, għandu jiġi applikat il-principju ta' *actore non probante reus absolvitur*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' April, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et).**

29. Jirriżulta li l-istess konvenut appellant, fir-rikors tal-appell tiegħu jikkonċedi li huwa nnegozja l-appalt f'isem is-soċjetà attriċi, Anvil Limited u dan fid-dawl ta' arranġament li huwa flimkien ma' sħabu kellu ma' Charles Palmier. Il-fatt li l-konvenut appellant kien qiegħed jinnegozja l-appalt f'isem is-soċjetà Anvil Limited huwa evidenti kemm mill-kwotazzjonijiet maħruġa b'rabta mal-kuntratt ta' appalt (ara Dok. A u Dok. B a fol. 5 u 6 tal-proċess), kif ukoll mill-kuntratt ta' appalt stess tas-17 ta' Diċembru, 2008, bejn is-soċjetà Dhalia Investments Limited u Ahmet Ertugrul għan-nom tas-soċjetà Anvil Limited (ara Dok. C anness mar-rikors promotur). Minn eżami tal-imsemmija dokumenti, f'għajnejn din il-Qorti, m'hemmx dubju li r-relazzjoni ġuridika relattiva għall-kuntratt ta' appalt kienet bejn Dhalia Investments Limited u Anvil Limited. L-istess kuntratt ta' appalt kien jipprovdi wkoll li l-konvenut kellu jipprovdi riżoluzzjoni tal-kumpanija attriċi li tikkonferma li l-konvenut kellu l-awtorità li jidħol fl-imsemmi ftehim u dan kien jagħmel sens ukoll, konsidrat il-fatt li, l-istess ftehim kien jipprovdi li l-ħlas għall-appalt kien ser isir permezz ta' numru ta' pagamenti b'rabta ma' konvenju, li l-istess konvenut daħal għalih f'ismu personali, fl-istess ġurnata, mas-soċjetà Ta' Giorni Limited. Hekk ukoll, is-soċjetajiet konvenuti wrew il-konvinzjoni tagħhom li huma kkuntrattaw il-ftehim ta' appalt mas-soċjetà Anvil Limited, tant li l-pagamenti maħruġa minnhom kienu indirizzati proprju lis-soċjetà attriċi (ara xhieda ta' Adrian Grech a fol. 138 u 208 tal-proċess).

30. Wieħed mill-punti prinċipali ta' kontroversja tul il-kawża, kienet proprju din il-*Company Resolution*, fejn filwaqt li l-konvenut isostni li kienet debitament iffirmata minn Charles Palmier, Palmier isostni li dan kien dokument fejn il-firma tiegħu ġiet fabbrikata. Sfortunatament il-ħatra ta' espert tal-kalligrafija ma xeħtitx wisq dawl fuq din il-materja, peress li d-dokument inkwistjoni kien biss fotokopja u ma tressqitx kopja oriġinali tad-dokument (ara rapport a fol. 567). Madankollu, apparti li l-konvenut u sħabu ma jaqblu xejn dwar iċ-ċirkostanzi ta' min ħejja l-istess *Company Resolution* u kif Charles Palmier suppost iffirma l-istess riżoluzzjoni, jibqa' l-fatt li din l-istess riżoluzzjoni baqgħet qatt ma ngħatat lis-soċjetajiet konvenuti (ara xhieda ta' Adrian Grech, *Financial Controller* mal-istess soċjetajiet konvenuti a fol. 105 u *a tergo* ta' fol. 677 tal-proċess) li titfa' dell fuq il-kredibilità tal-konvenut, li jisħaq li kien għadda kopja tal-*Company Resolution* lis-soċjetajiet konvenuti, anzi lil Adrian Grech (ara xhieda a fol. 640 tal-proċess). Minn eżami tal-provi in atti, din il-Qorti tinsab konvinta li l-pretensjoni attriċi għall-ħlas tal-appalt inkwistjoni tinsab debitament ippruvata.

31. Dan ifisser li l-oneru tal-prova issa għadda fuq il-konvenut appellant u dan senjatament sabiex juri li minkejja li l-kuntratt ta' appalt kien f'isem is-soċjetà attriċi, kien hemm arranġament jew ftehim bejn Charles Palmier, il-konvenut Ahmet Ertugrul u sħabu fin-negozju Dunstan Williams u Afer Ulusoy, dwar l-operat tas-soċjetà Anvil Limited (qabel ġiet

iffurmata s-soċjetà Anvil Decor Limited) fis-sens li l-flus għax-xogħlijiet imwettqa minnhom kienu dovuti lilhom u mhux lis-soċjetà attriċi, salv għall-ħlas dovut ta' Lm10 kuljum (ekwivalenti għal €163 fil-ġimgħa) u l-ħlas għas-servizzi tad-dawl u ilma lis-soċjetà attriċi. Filwaqt li Charles Palmier jixhed li l-ftehim kien fis-sens li l-istimi joħorġu f'isem is-soċjetà attriċi, u wara li jitwettaq ix-xogħol u jsir il-ħlas, l-ewwel kellhom jinqatgħu l-ispejjeż u dak dovut lilu personalment, mentri l-bilanċ kellu jgħaddi f'idejn il-konvenut u sħabu (jew aktar tard f'idejn is-soċjetà Anvil Decor Limited). Jilmenta li nħarġu stimi f'isem Anvil Limited mingħajr l-għarfien tiegħu, il-ħlas kien qiegħed isir f'kontanti u għalhekk il-flus dovuti lis-soċjetà attriċi u lilu, kienu qegħdin jiġu njorati. Hekk ġara fil-każ tad-Dhalia, fejn il-konvenut ħareġ l-istima f'isem is-soċjetà attriċi mingħajr m'għarrfu bih u sar jaf ferm wara li beda jsir ix-xogħol dwar l-arranġamenti tal-ħlas li kienu saru mingħajr ma kien infurmat dwarhom. Mentri l-konvenut isostni li minkejja li l-istima nħarġet f'isem is-soċjetà attriċi, (u skontu bl-għarfien ta' Palmier) ix-xogħol twettaq kollu minnu u minn sħabu, għalhekk il-ħlas tal-appalt kien kollu dovut lilu u lil sħabu u għalhekk jikkontesta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

32. Konsidrati l-verżjonijiet kontrastanti mogħtija mill-kontendenti fil-kawża, u ġaladarba l-preżunzjoni hija favur is-soċjetà attriċi li f'isimha nħarġu l-istimi tax-xogħol u l-pagamenti, kien jispetta lill-konvenut appellant li jressaq provi konvinċenti li jagħtu sostenn lill-verżjoni tiegħu.

Il-problema prinċipali titratta x-xogħlijiet imwettqa mill-konvenut appellant u sħabu fin-negozju (Dunstan Williams u Zafer Ulusoy) bejn il-perjodu ta' Mejju, 2008 (effettivament f'Lulju 2008, Williams u Ertugrul inħatru Diretturi tal-istess soċjetà attriċi – ara Dok. DW1 a fol. 80) u s-16 ta' Frar, 2009, meta sar il-ftehim ta' kooperazzjoni bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà Anvil Decor Limited. Għalkemm f'dan il-perjodu jirriżulta li twettqu xogħlijiet oħra mill-konvenut u sħabu taħt l-isem tas-soċjetà attriċi, apparti dak maħsub fil-kuntratt ta' Dhalia (ara b'eżempju Dok. DW1 a fol. 68) minkejja li l-konvenut appellant jixhed li l-pagamenti kienu daqqa jsiru fi flus kontanti u drabi oħra permezz ta' ċekkijiet, ma tressqu l-ebda provi dwar kif effettivament kienu jsiru l-pagamenti. Dan meta setgħu jiġu esebiti ċ-ċekkijiet jew jitressqu xi klijenti terzi, li setgħu jagħtu sostenn il-verżjoni tal-konvenut appellant, ġaladarba dawk ix-xogħlijiet ma qanqlu l-ebda kontroversja fil-*modus operandi* bejnu u s-soċjetà attriċi.

33. Jirriżulta paċifiku bejn il-kontendenti fil-kawża li, il-konvenut appellant u sħabu ma kellhomx aċċess għall-kontijiet fil-bank tas-soċjetà attriċi. Skont il-konvenut kien l-istess Palmier li qal lil Zafer Ulusoy sabiex fuq iċ-ċekkijiet indirizzati lil Anvil Limited tiżdied il-kelma Decor (ara fol. 622). Iżda dan qajla jagħmel sens għall-kuntratti u għax-xogħlijiet li saru qabel Frar, 2009, id-data li fiha twaqqfet il-kumpanija Anvil Decor Limited (ara Dok. MFSA2 a fol. 411) kwindi lanqas biss kien possibbli li l-ħlasijiet isiru fl-imsemmi kont ta' Anvil Decor qabel Frar, 2009. Dan apparti li, kif

osservat mill-Ewwel Qorti, kien jagħmel aktar sens li Palmier jiffirma fuq wara taċ-ċekkijiet maħruġa f'isem Anvil Limited, sabiex dawn jiġu depożitati, milli tiġi wżata l-prattika tassew ċensurabbli li terz jibdel l-isem tal-*payee* billi jżid kelma. Fin-nuqqas ta' provi konvinċenti da parti tal-konvenut, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li l-konvenut ma kellu l-ebda setgħa li jdawwar f'ismu dawk il-flus li kienu dovuti lil Anvil Limited fuq il-kuntratt ta' appalt tas-17 ta' Diċembru, 2008, u li skont l-istess kuntratt ta' appalt, Dhalia kellha tħallas lil Anvil Limited l-ammont komplessiv ta' €42,618.30. Isegwi li l-ewwel aggravju wkoll ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

34. Jonqos l-aħħar aggravju, dak dwar il-kap tal-ispejjeż. Mad-daqqa t'għajn, konsidrata s-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-22 ta' Marzu, 2016, jista' jingħad li għandu raġun il-konvenut appellant jilmenta dwar il-fatt li fis-sentenza tat-30 ta' Novembru, 2020, ġie mgħobbi bl-ispejjeż kollha tal-kawża. Dan meta skont l-istess sentenza preliminari, kienu l-konvenuti kollha li qajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li kellhom ibatu l-ispejjeż tas-sentenza preliminari. Madankollu, biex jingħad kollox, is-sentenza appellata tagħmel użu mill-premessa "*tipprovdi dwar it-talbiet attriċi ... li baqgħu mhux deċiżi bis-sentenza tat-22 ta' Marzu, 2016*" – ġaladarba l-kap tal-ispejjeż b'rabta mal-eċċezzjoni preliminari kien deċiż bis-sentenza tat-22 ta' Marzu, 2016, ifisser li ma kienx milqut bis-sentenza tat-30 ta' Novembru, 2020. Jista' jkun li, meta fl-aħħar sentenza, il-konvenut

*nomine* ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, inħoloq xi diżgwid u għalhekk dan il-punt ser jiġi ċċarat. Apparti minn hekk, huwa minnu wkoll li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiddeċiedi l-ewwel tliet talbiet attrici. Kwindi jinħass ġust li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż tas-sentenza appellata.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, filwaqt li din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut appellant fir-rigward tas-sentenza preliminari fil-kawża fl-ismijiet premessi tat-22 ta' Marzu, 2016, sabiex tikkonfermaha fis-sħiħ.

Tiċħad l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-preskrizzjoni mressqa fir-rikors tal-appell.

Tilqa' l-appell tal-konvenut appellant f'parti, fil-konfront tas-sentenza tat-30 ta' Novembru, 2020, limitatament għall-kap tal-ispejjeż.

Tirriforma s-sentenza appellata fil-kawża fl-ismijiet premessi, sabiex b'hekk minflok tiddeċiedi li, salv dak deċiż fis-sentenza tat-22 ta' Marzu, 2016, fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, l-ispejjeż tal-kawża in Prim Istanza għandhom jinqasmu inkwantu għas-sehem ta' tlieta minn ħamsa ($^3/_5$) għas-soċjetà attriċi u għas-sehem ta' tnejn minn ħamsa ($^2/_5$) għall-

konvenut Dunstan Williams *nomine,* mentri tikkonfermaha fil-bqija tagħha.

Filwaqt li l-ispejjeż tal-appell jinqasmu inkwantu s-sehem ta' żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenut appellant u terz ($^{1}/_{3}$) mis-soċjetà attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm